MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 113

11 ta' Ġunju 2019

Minuti tas-seduta Nru. 113 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier P. Cutajar, li ma bagħat ebda notifika dwar l-assenza tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġietx trażmessa direttament bl-internet, minħabba raġunijiet tekniċi.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nri. 112 tal-20 ta' Mejju 2019 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Restawr tal-Batterija tal-Mistra mill-Fondazzjoni Wirt Artna (R/2/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Mario Farrugia, maċ-Chairman u Kap Eżekuttiv tl-Fondazzjoni fl-14 ta' Ġunju 2019. Is-Sur Farrugia spjega li l-MEPA kienet kommessa li tgħaddi €58,000 lill-Fondazzjoni mill-*Environment Initiatives Partnership Programme* (EIPP), iżda sakemm kien għaddej ix-xogħol inħolqot l-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent, li allura l-EIPP bdiet tammistraħ hi, taħt kriterji ta' eliġibiltà differenti, bir-restawr ma baqax eliġibbli taħt dan il-programm. Il-Fondazzjoni kellha kuntatti mal-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali bil-għan li l-ftehim illi kien hemm mal-MEPA jiġi onorat

mill-ERA. Il-Ministeru ssuġġerixxa li l-Fondazzjoni għandha titlob lill-Kunsill Lokali jikkonċedi l-finanzjament meħtieġ mid-*Development Planning Fund.*

2.1.3. Is-Sindku J. Buttigieg qal li kien hemm diskussjoni dwar kif il-konċessjoni ta' €40,000 tista' tissarraf f'aktar koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-Fondazzjoni. Fil-fatt saret referenza għad-*Defense Post* ta' Triq l-Għollieqa, fejn l-Fondazzjoni tkun disposta li toffri l-pariri dwar-rijabilitazzjoni tagħha, kif ukoll tgħaddi aperturi tal-ħadid, ritratti u attrezzi oħra.

2.1.4. Is-Sur Farrugia qal ukoll li skont l-att ta' kurazija (*guardianship deed*), il-Kunsill Lokali ma jistax ikun wieħed mill-partijiet, iżda għall-Fondazzjoni m'għandhiex tkun problema jekk il-Kunsill jieħu persuni, jew gruppi jżuru l-batterija, jew jagħmlu xi użu minnha li jaqgħu fl-għanijiet li għalihom ġiet mogħtija l-batterija.

2.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jitfassal proġett ta' natura ambjentali bil-għan li tkun tista' ssir talba lill-ERA sabiex dan jiġi ffinanzjat permezz tal-*EIPP* u hekk il-lokalità tkun irkuprat il-fondi konċessi lill-Fondazzjoni mill-*DPF.*

2.1.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit x'tip ta' ftehim kien hemm bejn il-MEPA u l-Fondazzjoni, filwaqt li qabel illi għandha tingħata l-konċessjoni ta' €40,000 mid-DPF, bil-kundizzjoni li:

(a) li l-Kunsill jiġi kkonsultat dwar il-tmexxija tal-batterija; u

(b) tingħata l-għajnuna msemmija fil-minuta 2.1.3., aktar 'il fuq.

## 2.2.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

2.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.10.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li minħabba raġunijiet ta' xogħol hija mhux ser tkun tista' tattendi l-konferenza li ser ssir f'Herrera del Duque fi Spanja, bejn is-27 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2019.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jattendu l-Kunsillieri J. Azzopardi u H. Fenech.

## 2.3.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Mellieħin (A/5/3/5/Vol V)

2.3.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li kellha kuntatti dwar il-*musical* "Naħal tal-Imħabba" u rriżulta li d-direttur artistiku qed jitlob ħlas ta' €1,180, filwaqt li l-ispiża tal-erba' kantanti hija ta' €1,400.

2.3.3. Is-Sinjura Brincat Stellini ppoponiet numru ta' *items* oħra li jattiraw il-pubbliku, fosthom il-Big Friends Gugen Musik Malta; Freddy Portelli, Paul Abela Band, Benny u Tonia, Jazz Corner. Magħhom ippoponiet wirja mid-delettanti tal-muturi, sfilata tal-karnival, u r-rokna tal-artisti. Is-Sibt 27 ta' Lulju, ikun hemm il-barbecue annwali mtellgħa mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina f'Misraħ il-Parroċċa.

2.3.4. Bħala promozzjoni tal-avveniment ser jiġu ppubblikati artikli fil-ġurnali u *magazines*, kif ukoll fuq l-istazzjonjiet One Radio, Net FM, u Radju Malta.

2.3.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 2.4.1. Attivitajiet mtellgħa mill-Kunsill tal-Arti (A/5/5/Vol VII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel dwar il-programm ta' attivitajiet imfassal mill-Kunsill għas-sajf 2019, bħala parti mill-International Art Festival. Hija għarrfet li ġie deċiż illi l-ispettaklu mtellgħa fuq jott li jieqf fil-bajjiet tal-Mellieħa ġie kkanċellt minħabba raġunijiet loġistiċi.

2.4.3. L-inizjattiva mill-istudenti tal-MCAST li tinvolvi l-espożizzjoni temporanja ta' biċċa xogħol tal-arti, fil-fatt twettqet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u ser tibqa' fil-post sal-15 ta' Lulju 2019.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa (T/5/3)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għax-xogħlijiet imsemmija u ġibed l-attenzjoni għal grada għall-ilma tax-xita li tinsab fi Triq il-Marfa, eżatt bi dritt trejqa li tagħti għar-raba taċ-Ċens. Huwa staqsa jekk il-kuntrattur jafx biha sabiex titnaddaf u jara jekk tistax tintuża.

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li din minn dejjem kienet imblukkata u jista' jagħti l-fatt li fil-passat kienet tieħu l-ilma tax-xita għan-naħa l-oħra tat-triq meta kien għadu mhux mibni.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 09/06/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 30/04/19 – 06/06/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 19/05/19 – 09/06/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Wirjiet tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Mejju 2019, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn intqal li l-għaqda ser torganizza żewġ wirjiet tal-arti mtella' mill-membri tagħha. Dawn ser isiru fil-bini tal-Ministeru għall-Għawdex fir-Rabat (02/08/19 – 24/8/19); u fis-sede tal-għaqda fil-Mellieħa (06/09/18 – 08/09/18).

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, skont l-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.2.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/5/8/Z)

5.2.2. Is-Segretarju aċċenna għal notifika datata 28 ta' Mejju 2019 fejn it-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għarraf li s-smiegħ tal-appell Nru. 166/19 dwar il-permess imsemmi hawn fuq, ser jibda fit-13 ta' Ġunju 2019 fit-3.00pm.

5.2.3. Is-Sur C. Debono għarraf lill-Kunsill illi fit-3 ta' Ġunju 2019, ġie rappurtat li l-iżviluppatur kien beda jibni *hoarding* madwar is-sit fl-assenza ta' *construction method statement* approvat mill-entitajiet kollha konċernati. Dan ġie rrappurtat lill-Awtorità tal-Ippjanar u sussegwetement il-*hoarding* reġa' tneħħa fuq ordni tal-istess Awtorità.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Kurva perikoluża fi Triq Ta' Taħt l-Irdum (T/3/2/Vol XV)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Mejju 2019, fejn resident fit-triq imsemmija talab li ssir mera, jew jiġi pprojbit l-ipparkjar eżatt fil-kurva fil-parti fejn tagħlaq it-triq.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-applikant għandha twaħħal mera eżatt mal-bieb tal-garaxx tagħha biex tara vetturi li jkunu qed joqorbu lejha. Ma kienx hemm qbil li għandu jiġi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi peress li l-parti tat-triq in kwistjoni hija purament residenzjali.

### 5.4.1. Pontifikal fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VIII)

5.4.2. Sar aċċenn għal imejl datata 30 ta' Mejju 2019, mibgħut minn Festivals Malta, fejn għarrfu li ser issir l-attività msemmija fis-7 ta' Settembru 2019 f'Misraħ il-Parroċċa u fil-Knisja

Arċipretali tal-Mellieħa. Sabiex jsiru l-arrangamenti meħtiega, qed jintalab li ssir laqgħa bejn il-partijiet koncernati, fosthom l-Armata, il-Kunsill Lokali, l-Għaqda Dilettanti tan-Marija Bambina, rappreżentanti mill-Għaqdiet Mużikali, tal-Armar u l-Arċipriet biex tiġi kordinata l-attività.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fuq il-post fit-3 ta' Lulju 2019 fid-9.00am.

### 5.5.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq il-Kannestru (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Inqrat petizzjoni minn seba' operaturi ta' negozji li jinsabu f'binja konfinanti minn Triq il-Kbira u Triq il-Kannestru, fejn qed jitolbu l-faċilitajiet imsemmija.

5.5.3. Il-Kunsill, kien tal-fehma li minkejja illi fil-petizzjoni ġew indikati seba' neġożji li joperaw fi blokka waħda, dawn ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-*policy* 5.7.9. addottata minn Transport Malta - *Permanent Traffic Management Policies and Guidelines 2016*. L-istess *policy* tipprovdi li tali faċilitajiet jingħataw biss fejn joperaw ħwienet li jbigħu *white goods,* għamara; u negożji li jinvolvu kiri, jew bejgħ ta' merkanzija tqila.

### 5.6.1. Periklu fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata (T/3/2/Vol XV)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Mejju 2019, fejn residenta aċċennat għall-periklu li jeżisti fil-parti t'isfel ta' Triq il-Knisja l-Qadima, bejn Triq ix-Xifer u Triq il-Biedja. Hija kkummentat ukoll li l-ammont ta' traffiku li jgħaddi qed jagħmilha diffiċli li wieħed jaqsam it-triq. Għaldaqstant, il-Kunsill intalab jikkonsidra l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* u *speed humps*.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb parir minn Transport Malta dwar l-arranġament propost.

### 5.7.1. Pubblikazzjoni tal-ktieb *"Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War"* (P/3/5)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' Mejju 2019, mibgħut mill-awtur tal-pubblikazzjoni imsemmija, fejn ilmenta li l-format tal-ktieb kien fatturi li xekklu l-bejgħ tiegħu, apparti li skont hu, il-Kunsill ma għamilx sforżi biżżejjed biex ikun hemm bejgħ sodisfaċenti. Il-Kunsill intalab sabiex jerġa' jippubblika l-ktieb f'verżjoni riveduta.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jkunx għaqli jekk jerġa' jiġi ppubblikat l-istess ktieb b'format differenti, filwaqt li ma jeskludiex li aktar 'il quddiem ikun hemm pubblikazzjoni ta' xogħol differenti mill-istess awtur. Ġie deċiż ukoll li l-awtur għandu jingħata 200 kopja tal-ktieb mingħajr ħlas sabiex jiddisponi minnhom kif jidhirlu hu.

### 5.8.1. Attività sportiva flimkien mal-Mellieħa Baseball & Softball Club (S/6/Vol IV)

5.8.2. Sar aċċenn għal imejl datat 8 ta' Ġunju 2019 dwar talba mill-Mellieħa Baseball and Softball Club sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-*Home Run Derby Competion* li ser issir fit-13 ta' Lulju 2019.

5.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment sportiv sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaċċedix €300, skont l-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.9.1. Restawr tal-Kmamar tas-Santwarju (P/4/9)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Gunju 2019, fejn l-Arċipriet Fr J. Caruana stieden lill-membri tal-Kunsill Lokali, kemm dawk li għadhom fil-kariga kif ukoll dawk eletti ġodda, biex jaraw ix-xogħol li qiegħed isir fuq il-Kmamar tas-Santwarju.

5.9.3. Fl-imejl tiegħu Fr Caruana qal li dan il-proġett hu ta' interess għall-Kunsill għaliex mhux biss ser ikollu valur reliġjuż, imma wkoll wieħed li għandu jagħti valur miżjud lill-lokalità tagħna. Dan minħabba l-fatt li l-bini ser jintuża biex isiru żewġ mużewijiet, wieħed reliġjuż li jittratta

l-istorja tas-Santwarju u ieħor kulturali billi ser jiġbor ġo fih materjal li għandu x'jaqsam ma' snajja tradizzjonali.

5.9.4. Il-Kunsill ippropona li ż-żjara ssir fit-22 ta' Ġunju 2019 fl-10.00 am.

### 5.10.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier (A/5/3/Vol VIII)

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 2019, bejn it-3.30pm u l-4.30pm bil-parteċipazzjoni tal-Grupp Simar. Hija pproponiet li jiġi pprovdut xi ikel.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.11.1. Periklu fil-bitħa tad-Dar tal-Anzjani Madonna tal-Mellieħa (P/2/1)

5.11.2. Is-Sindku għarraf li spiss qed jiġi rrappurtat li jkun hemm tfigħ ta' ġebel minn tfal li jkunu fi Ġnien il-Qigħan b'periklu għal min ikun qiegħed fil-bitħa tad-dar imsemmija.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li ssir xibka tan-*nylon* 'il fuq minn dik eżistenti.

### 5.12.1. Tiġrif ta' binja fi Triq il-Kbira (P/5/2/Vol II)

5.12.2. Is-Sindku rrefera għall-inċident li ġara fit-8 ta' Ġunju 2019 meta waqgħet blokka li tikkonsisti f'żewġ appartamenti, ħanut u *basement* fi Triq il-Kbira. Huwa ppropona li għandha tintbagħat ittra lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jiġi espress l-appoġġ tal-Kunsill għar-rakkomandazzjonijiet li saru kemm mill-Kamra tal-Periti, kif ukoll mill-Malta Developers Assocation sabiex jiġu evitati nċidenti simili. Huwa ppropona wkoll li l-Kunsilli Lokali għandhom ikunu nvoluti fil-konsultazzjonijiet li jsiru qabel l-introduzzjoni ta' miżuri preventivi.

5.12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li tajjeb jiġi rikonoxxut l-intervent qalbieni li sar mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex ġiet salvata l-mara li fil-ħin tal-inċident kienet fil-binja.

5.12.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ssuġġeriet li jinstabu mezzi kif tista' tiġi murija solidarjetà mal-mara li ġiet salvata.

5.12.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 5.12.2. u 5.12.3. aktar 'il fuq.

### 5.13.1. Ingombru fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-moll imsemmi għadu nġumbrat b'numru ta' karrijiet u opri tal-baħar, minkejja li dalwaqt se jibda s-sajf.

5.13.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti sabiex tittieħed azzjoni.

### 5.14.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li kull tliet snin jinbidlu l-membri tal-kumitat tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral. Hija spjegat li persuna ma tistax tiġi nnominata sabiex isser għal aktar minn tliet termini. Għaldaqstant hija talbet lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jtenni r-rappreżentazzjoni tiegħu fil-Fondazzjoni permezz tal-Kunsillier A. Brincat Stellini.

**6.1. Sejħa għall-Offerti MLC 4/2019 – Restawr u Konservazzjoni tal-Batterija ta' Westreme (P/10/30)**

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa għalqet fil-31 ta' Mejju 2019 u saru l-offerti segwenti:

| Offerent | Prezz |
|---|---|
| Trowel Co. Ltd | €260,096.50 |
| North 2 South Ltd | €246,509.00 |
| North 2 South Ltd | €246,509.00 |

6.3. Is-Segretarju għarraf li huwa għadda s-sottomissjonijiet li saru lill-*Contract Manager* sabiex issir evalwazzjoni teknika minn naħa tiegħu u jgħaddiha f'forma ta' rapport.

6.4. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni jkun kompost mis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fl-20 ta' Ġunju 2019 fl-4.30pm.

**7.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li l-attività msemmija ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2019. Hija għarrfet li l-programm mużikali f'Misraħ il-Parroċċa ser tibdieħ l-Għaqda Mużikali Imperial segwiti mis-Società Filarmonica La Vittoria.

7.3. Il-Kunsill innota u approva t-tagħrif mogħti.

**8.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XVI)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-President ta' Malta mhux ser ikun possibbli li jattendi għas-serata tal-25 ta' Lulju 2019, peress li se ikun impenjat f'attività oħra. Kien hemm qbil li għandha ssir stedina lid-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa Chris Fearne sabiex is-serata tkun taħt il-patroċinju tiegħu. Il-Kunsill qabel ukoll li tiġi ppreżentata pittura b'tema Melleħija lill-Onor. Fearne li l-valur tagħha ma jaqbiżx €200, flimkien ma' sett kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien – *Mellieħa Through the Tides of Time*".

8.3. Billi attwalment għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq il-Kmamar tas-Santwarju, ġie deċiż li l-attività sseħħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, bil-palk mal-ħajt tal-Bitħa tas-Santwarju.

8.4. Kien hemm qbil li l-preżentatur tas-serata għandu jkun is-Sur Jean Claude Micallef.

**9.1. Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol XI)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra datata 29 ta' April 2019, l-Aġenzija Jobsplus għadiet lista ta' persuni li jixtiequ jibdlu x-xogħol, filwaqt li tat ukoll il-permess tagħha sabiex issir sejħa pubblika.

9.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi skont il-permess li ngħata.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Ġunju 2019.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-19 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2019.

10.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar perezz tal-*Petty Cash* li sar bejn it-30 ta' April u s-6 ta' Ġunju 2019.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 11.1. Stqarrija mis-Sindku **(K/1/6/Vol II)**

11.2. Is-Sindku stqarr qal li jixtieq jirreġistra fil-minuti biex iwassal ir-ringrazzjament tiegħu billi jħossu obbligat lejn il-Kunsillieri għal koperazzjoni li huwa sab tul is-sitt snin tal-mandat li wasal fi tmiemu. Kienu ħafna l-inizjattivi u proġetti li twettqu tul dan il-perjodu. Huwa qal li forsi seta' twettaq iżjed, biss meta tqiss iċ-ċirkostanzi, sar ħafna xogħol.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-kariga ta' Sindku mhijiex xi waħda faċli f'lokalità bħal Mellieħa, tant li regolarment fis-skiet ta' daru kien kontinwament jitlob biex ikun kapaċi jlaħħaq ma' dan l-impenn. L-għan aħħari tiegħu dejjem kien għal ġid tal-komunità, iżda jekk f'dan il-proċess huwa naqas lil xi ħadd mill-Kunsillieri, talab li jiskużaħ. Kompla jgħid li jħossu grat u kburi bir-riżorsi kollha marbuta mal-operat tal-Kunsill.

11.4. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv C. Debono tal-għajnuna u l-pariri li dejjem taħ, minkejja li r-rwoli tat-tnejn jinvolvu perspettivi differenti, iżda dejjem kien hemm konverġenza biex l-affarijiet jibqgħu miexjin. Wera apprezzament lill-impjegati l-oħra tal-Kunsill għax-xogħol kbir li huma wettqu f'ċirkostanzi li mhux dejjem kienu pjaċevoli. Is-Sindku rringrazzju wkoll lill-ħaddiema tad-District Operations Ltd għax-xogħol siewi li huma jagħmlu fil-lokalità, u li ma kinux huma jkun diffiċli li jagħmlu ħaddieħor.

11.5. Is-Sur J. Buttigieg awgura lill-Viċi Sindku D. Vella, li fil-mandat tat-Tmien Kunsill ser ikun qed jassumi r-responsabilitajiet ta' Sindku. Huwa tenna li din mhux kariga faċli, b'mod speċjali fiż-żmenijiet tal-lum, meta kull minn jokkupa xi kariga pubblika huwa espost kontinwament għal kritika fuq il-media soċjali. Huwa qal li minkejja li l-kritika illi ssir, il-Kunsill irid jitmexxa mill-uffiċċju tal-Kunsill permezz tad-deċiżjonijiet li jittieħdu bl-involviment tal-elementi kollha li jsawwruħ. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fil-kariga ta' Viċi Sindku huwa jwiegħed l-appoġġ u l-għajnuna meħtieġa.

11.6. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri J. Azzopardi, J.M. Attard, P. Cutajar. J. Gauci u H. Fenech għas-servizz tagħhom fil-Kunsill, issa li temmew il-kariga tagħhom. Awgura wkoll lil Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini, li reġgħu ġew eletti u qal li huwa jemmen li l-esperjenza illi huma kisbu tkun ta' għajnuna lil dawk li ġew eletti għall-ewwel darba biex iservu fit-Tmien Kunsill. Huwa aċċenna fuq l-importanza li jinżamm l-isem tajjeb li kiseb l-Kunsill matul is-snin.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2019 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**